# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlieta (3) ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 855/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Vincent Muscat (KI. 252562M)**

**vs**

**(1) Il-Prim Ministru f'ismu proprio u bħala Kap tal-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern ta' Malta u għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Kabinett tal-Ministri;**

**(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija;**

**(3) L-Avukat Ġenerali;**

**(4) L-Avukat tal-Istat;**

**(5) Ministru tal-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza;**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta' Settembru 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

*Illi l-attur, tramite l-konsulent legali preċedenti tiegħu, Dottor Arthur Azzopardi, kien talab b'mod informali lill-Ispettur Arnaud biex tingħatalu Maħfra Presidenzjali biex jkun jista' jissolva l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u reati oħra.*

*Illi sussegwentement, l-attur għamel talba formali sabiex jingħata l-maħfra presidenzjali nhar it-30 ta' Novembru 2019. In segwitu ta' din it-talba tramite ittra mibgħuta lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika, l-Onorevoli Dottor George Vella, li baqgħet mingħajr risposta sostantiva, l-attur, kien bagħat ittra oħra ta' kjarifika fis-17 ta' Diċembru 2019, li kopji tagħhom qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala "Dokument VM1" u "Dokument VM2".*

*Illi b'risposta għal din l-ittra fl-20 ta' Diċembru 2019, hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument VM3" iffirmata mis-Sinjura Rosette Spiteri Cachia (Segretarja tal-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta) infurmat lill-Avukat sottoskritt illi din l-ittra "ntbagħtet lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għall-kunsiderazzjoni tiegħu u biex ikun jista' jagħti l-parir tiegħu lill-President".*

*Illi din l-ittra sal-ġurnata tal-lum baqgħet mingħajr risposta.*

*Illi fl-ittra tas-17 ta' Diċembru 2019 meta l-attur talab il-maħfra, huwa kien indika li: "hu lest li jikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija u jgħinhom biex jissolvew numru mhux żgħir ta' delitti li għadhom ma ġewx solvuti u li seħħew ġewwa pajjiżna fl-aħħar snin."*

*Illi madwar xahar wara l-ittra ta' kjarifika tas-17 ta' Diċembru 2019, l-attur ġie msejjaħ id-Depot tal-Pulizija u bdew isiru l-laqgħat gewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija mal-investigaturi – l-iSpettur Keith Arnaud u l-iSpettur Kurt Zahra.*

*Illi dawn il-laqgħat saru speċifikament fit-18 ta' Jannar 2020, fit-23 ta' Jannar 2020, fil-31 ta' Jannar 2020, fil-11 ta' Frar 2020 u fit-18 ta' Frar 2020.*

*Illi s-sessjonijiet li saru f'dawn il-laqgħat huma kollha rrekordjati fuq CDs li kemm l-investigaturi kif ukoll l-esponenti għandhom kopja tagħhom. Dawn jammontaw għal disa' (9) CDs b'kollox minn fejn jirriżulta informazzjoni ulterjuri dwar diversi allegati reati inkluż l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.*

*Illi matul dawn is-sessjonijiet l-esponent tkellem fid-dettall dwar numru ta' każijiet li hu għandu informazzjoni kredibbli w attendibbli fuqhom li jwasslu għas-soluzzjoni tal-istess każijiet u tal-identifikazzjoni ta' xibka ta' diversi persuni prominenti u m'humiex involuti fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u reati oħra ta' persuni li għadhom ma ssemmewx u li għad m'hemmx akkużi kontra tagħhom u li jwasslu għal verita' sħiħa fir-riżoluzzjoni ta' dawn il-każijiet diversi f'isem is-sewwa u l-ħaqq.*

*Illi l-Istat għandu obbligu li jasal għall-verita' sħiħa fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, u reati oħra ta' persuni li għadhom ma ssemmewx u li għad m'hemmx akkużi kontra tagħhom, imma li kienu direttament jew indirettament involuti fir-reati.*

*Illi waqt l-aħħar sessjoni li nżammet fit-18 ta' Frar 2020, l-Ispettur Keith Arnaud qal li huma kienu ser jerġgħu jduru dawn ir-recordings u n-notamenti li kienu ħadu sabiex jaraw jekk għandhomx xi domandi oħra jew xi punti ta' kjarifika x'isaqsu lill-esponent.*

*Illi dakinhar ukoll kien intlaħaq ftehim li fil-laqgħa li jmiss, li kellha tkun l-aħħar laqgħa, l-investigaturi kienu ser jirrekordjaw ukoll dak kollu li l-esponent kien diġa qal fid-drabi preċedenti meta hu kien imur jiltaqa' u jitkellem mal-Ispettur Arnaud dwar il-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Dawn il-laqgħat preċedenti ma kinux ġew irrekordjati iżda kien ha noti bil-miktub l-Ispettur Keith Arnaud.*

*Illi mit-18 ta' Frar 2020 sal-lum l-investigaturi qed isibu kull skuża possibli u jittitubaw sabiex din l-aħħar laqgħa ma ssirx u b'hekk ma jlestux ir-rapport li ġie mitlub minnhom u dan bi preġudizzju għal verita' sħiħa tal-fatti fl-interess tas-sewwa, tas-saltna tad-dritt u tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.*

*Illi l-aġir tal-Ispettur Keith Arnaud u tal-Ispettur Kurt Zahra juri biċ-ċar li qed jilagħbu għal ħin u fl-interessi oskuri ta' persuni terzi prominenti u m'humiex, uħud minnhom politiċi involuti fir-reati, liema azzjoni mhijiex spjegabbli.*

*Illi kull meta kien isir kuntatt mal-Ispetturi mill-avukat tal-attur jew minn membru tal-familja tiegħu sabiex jaraw fiex waslu u jekk sarx xi progress rigwardanti t-talba għal Maħfra Presidenzjali, l-Ispetturi dejjem kienu jsibu skuża jew oħra biex ma jsir xejn u qatt ma jagħtu informazzjoni konkreta fejn waslu fid-deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu.*

*Illi, fost oħrajn, dawn l-iskużi kienu jinkludu li għandhom xogħol ieħor; li kienu nbidlu l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom minħabba l-COVID; li ha ssir laqgħa mal-Avukat Ġenerali; li għadhom qed jivverifikaw dak li qalilhom l-esponent u li ma setgħux jibagħtu għall-esponent minħabba l-COVID.*

*Illi, għalhekk, sal-lum l-attur għadu mingħajr risposta wara l-petizzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2019 u l-ittra kjarifikatorja tas-17 ta' Diċembru 2019 u dan minkejja li hu żamm mal-ftehim da parti tiegħu billi informa lill-investigaturi bl-informazzjoni kollha li huwa kellu rigwardanti l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u allegati reati oħra fejn tkellem u għadda informazzjoni importanti ħafna u li biha l-Pulizija tkun f'posizzjoni li ssolvi numru ta' każijiet ta' ċertu portata li sal-lum għadhom mhux solvuti.*

*Illi l-investigaturi m'humiex iżommu mad-dmir u mad-dover tagħhom Domine Dirige Nos u qed imorru kontra l-ġurament tal-kariga li ħadu billi jillużingaw għar-riżoluzzjoni tal-każijiet li s'issa m'għandhomx informazzjoni fuqhom rigwardanti terzi oħra involuti fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u reati oħra.*

*Illi mingħajr ma jrid, wieħed jasal jikkonkludi li allura l-investigaturi jistgħu qed iġibu ruħhom hekk, għaliex, jew huma inkompetenti, traskurati u bla kont (li fl-opinjoni tal-attur dan mhux minnu għax jidher li jafu sew ix-xogħol*

*tagħhom) u/jew, li mhumiex qed jitħallew jaħdmu għax mhedda jew imbeżża' jew għax miżmuma milli jfittxu l-verita' sħiħa li tista' tinċidi fuq l-istabbilta' tal-amministrazzjoni Governattiva odjerna u konsegwentement jistgħu jkunu bin-nuqqas ta' azzjoni tagħhom qed jipproteġu lil xi individwu jew individwi fl-oskurita' ta' azzjonithom.*

*Illi fit-22 ta' Ġunju 2020 l-attur, tramite l-avukat tiegħu, bagħat ittra ta' ramment lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument VM4", li għadu mingħajr risposta għall-ewwel ittri tiegħu (30 ta' Novembru 2019 u 17 ta' Diċembru 2019). Hawnhekk ukoll l-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika intalab sabiex juża l-poter mogħti lilu taħt l-Artikolu 574 sub-artikolu 2 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jagħti l-ħelsien mill-arrest lill-esponent.*

*Illi din it-talba saret wara żewġ talbiet tal-esponent għall-ħelsien mill-arrest f'Mejju 2020 u Ġunju 2020 u dawn iż-żewġ talbiet gew miċħuda mill-Qorti Kriminali.*

*Illi l-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tal-11 ta' Mejju 2020 qalet hekk:*

> *"...iżda wkoll xehed dwar protezzjoni li trid tingħata lir-rikorrenti jekk huwa ma jibqax inkarċerat minħabba l-periklu reali għal inkolumita' tiegħu u tal-familja tiegħu. Dan ifisser illi allura hemm biża reali li jkun hemm interferenza fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja jekk ir-rikorrenti jingħata il-ħelsien mill-arrest billi mhux biss jista' jiġi avviċinat minn terzi iżda ukoll għaliex hemm biża reali għal inkolumita' tiegħu.*
>
> ...
>
> *Jidher li dan qed joħroġ ukoll mill-informazzjoni li l-akkużat innifsu qed jgħaddi lil pulizija liema informazzjoni għadha qed tiġi investigata."*

*Illi allura hawnhekk wieħed jista' jara li anki l-Qorti Kriminali apprezzat il-fatt li l-esponent tkellem u għadda ħafna informazzjoni lill-investigaturi u li hi mħassba dwar is-sigurta tal-esponent u mhux li hu jista' jaħrab minn Malta, li jista' jwettaq reat ieħor jew li jista' b'xi mod jintralċja jew jipprova jintralċja l-provi.*

*Illi l-Avukat tal-esponent irċieva risposta datata 6 ta' Lulju 2020 skond "Dokument VM5" hawn anness, permezz ta' email fit-8 ta' Lulju 2020 skond "Dokument VM6" hawn anness, kif ukoll bil-posta rreġistrata. Din l-ittra hi ffirmata minn Rosette Spiteri Cachia (Segretarju tal-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika) u fiha tgħid li l-ittra tiegħi "intbagħtet lill-Ministru tal-Ġustizzja, L-Ugwaljanza u l-Governanza għall-kunsiderazzjoni tiegħu u biex ikun jista' jagħti l-parir tiegħu lill-President".*

*Illi l-avukat tal-attur ikkomunika numru ta' drabi bit-telefon u telegrafikament mal-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika wara dan pero'*

*minkejja li dan l-email ġie moqri, ma kien hemm ebda tweġiba la bil-miktub u lanqas telefonikament.*

*Illi dan id-dewmien eżaġerat sabiex il-President tar-Repubblika jingħata l-parir għall-maħfra lill-esponent huwa dovut BISS għaliex hemm interessi oskuri sabiex ikunu protetti ċerti individwi prominenti u m'humiex li għadhom ma ssemmewx fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u fl-investigazzjoni ta' allegati reati oħra u lanqas dawn it-terzi għadhom ma ġewx investigati u dan mhux minħabba kwistjonijiet burokratiċi imma għal raġunijiet mhux imsejsa fuq is-sewwa u l-ħaqq.*

*Illi għalhekk huwa ċar li dan l-aġir huwa intiż sabiex jaħbi u jostor milli joħorġu ċertu fatti u involvement ta' persuni oħra bil-ħsieb sabiex ikomplu jagħtu immunita' sħiħa lil dawn l-individwi li għadhom ma ssemmewx u li huma u/jew li kienu fiċ-ċirku ta' poter f'dan il-pajjiż milli jerfgħu r-responsabbilta' sħiħa tal-azzjonijiet deplorevoli tagħhom meta huma kienu f'posizzjoni ta' poter fejn kienu obbligati li jwaqqfu l-allegati reati u assassinju.*

*Illi għalhekk in-nuqqas ta' deċiżjoni tal-intimati jew min minnhom biex jagħtu l-parir lill-President tar-Repubblika għall-Maħfra Presidenzjali tar-rikorrenti m'hijiex imsejsa fuq kriterji ġusti, hija abbużiva u illegali stante li l-attur għandu jippretendi deċiżjoni mill-istess awtoritajiet, hi x'inhi din id-deċiżjoni, iktar u iktar meta din in-nuqqas ta' deċiżjoni qed iġġiegħel lill-attur jsofri danni, fosthom li l-attur ser jgħaddi ġuri fil-5 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jinħtieġ ikun jaf x'inhu l-eżitu tad-deċiżjoni tal-awtoritajiet, u dan stante li jekk tingħata l-maħfra, dan il-ġuri m'għandux jsir u l-proċeduri m'għandhomx jitkomplew sakemm tittieħed id-deċiżjoni aħħarija mill-awtoritajiet kompetenti.*

*Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat qed jiġi preżentat rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn ir-Reġistratur tal-istess Qorti qed jiġi mgħarraf b'dawn il-proċeduri u qed tintalab is-soprasessjoni tal-istess ġuri sakemm it-talba għall-maħfra tiġi deċiża mill-awtoritajiet kompetenti u din il-kawża tiġi deċiża finalment.*

*Illi għalhekk bil-protest ġudizzjarju tal-31 ta' Lulju 2020 hawn anness u mmarkat bħala "Dokument VM7" ir-rikorrenti talab lill-intimati jagħtuh deċiżjoni dwar it-talba tal-maħfra minnu magħmula u talab il-likwidazzjoni tad-danni li r-rikorrenti sofra, qed isofri u li għad jista' jsofri minħabba l-aġir illegali u abbusiv tal-intimati jew min minnhom u oħrajn naxxenti minn nuqqas ta' deċiżjoni amministrattiva tagħhom u dan stante li n-nuqqas ta' deċiżjoni tagħhom rigwardanti tali maħfra kienet imsejsa fuq kriterji mhux ġusti u għal raġunijiet oħra mhux stabbiliti fil-liġi u li konsegwentement din in-nuqqas ta' deċiżjoni li hija abbużiva u illegali.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati jew minn minnhom prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

*(1) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi li n-nuqqas ta' deċiżjoni għall-parir fuq il-maħfra presidenzjali tar-rikorrenti lill-President tar-Repubblika ta' Malta hija abbużiva u illegali stante li mhix msejsa fuq raġunijiet stabbiliti mill-ligi u konsegwentement in-nuqqas ta' deċiżjoni huwa arbitrarju, u mhux imsejsa fil-Liġi.*

*(2) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom għandhom jagħtu parir lill-President tar-Repubblika ta' Malta għall-maħfra presidenzjali tar-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, stante illi din il-maħfra ser issolvi numru ta' reati u twassal għall-identifikazzjoni ta' xibka ta' diversi persuni prominenti u mhumiex involuti fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u reati oħra ta' persuni li għadhom ma ssemmewx u li għad m'hemmx akkużi kontra tagħhom u li jwasslu għal verita' sħiħa fir-riżoluzzjoni ta' dawn il-każijiet diversi f'isem is-sewwa u l-ħaqq.*

*(3) Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti kien kwalifikat biex jingħata il-maħfra presidenzjali mill-President tar-Repubblika ta' Malta, fuq parir tal-awtoritajiet kompetenti, u anke kieku ma kienx ikkwalifikat biex jingħata din l-istess maħfra, għandu dritt biex jirċievi risposta spjegattiva għat talba tiegħu fi żmien utli.*

*(4) Tiddikjara li l-intimati jew minn minnhom huma responsabbli għad-danni kollha sofferti minnu.*

*(5) Tillikwida d-danni hekk sofferti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi.*

*(6) Tikkundanna lill-intimati biex iħallsu lir-rikorrenti biex iħallsu dawk id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-Protest Ġudizzjarju tal-31 ta' Lulju 2020 u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni, salv kull azzjoni għad-danni ulterjuri u kull azzjoni oħra spettanti lilu skond il-liġi.*

2. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2020 il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-26 ta' Ottubru 2020 filwaqt illi ordnat lill-intimati jirrispondu għal dak mitlub sa mhux aktar tard mill-21 ta' Ottubru 2020.

3. Rat ir-risposta tal-**Avukat tal-Istat** u l-**Kummissarju tal-Pulizija** ppreżentati fid-19 ta' Ottubru 2020 fejn laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*Illi l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet magħmula fir-rikors in risposta bħala infondati fil-fatt u fid-dritt liema eċċezzjonijiet segwenti qegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

1. *Preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu li l-attur għandu jispeċifika liema huma eżattament l-artikoli tal-liġi li fuqhom qed jibbaża l-azzjoni odjerna u dan anki għaliex l-intimat qed ikun preġudikat meta jrid jissottometti eċċezzjonijiet għal azzjoni li ma hiex identifikata. Għalhekk*

*f'dan is-sens, l-esponenti jirriservaw li jqajjmu eċċezzjonijiet oħra fi stadju ulterjuri;*

2. *Illi in linea preliminari ukoll jiġi rilevat li huwa l-Avukat tal-Istat li jwieġeb għat-talbiet attriċi. L-Onorevoli Prim Ministru, l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza mhumiex il-leġittimi kontradittturi għat-talbiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu li mit-talbiet jidher li donnu r-rikors promotur huwa msejjes fuq stħarriġ ġudizzjarju, l-esponenti formalment jeċepixxu l-inapplikabilita' tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għall-għoti o meno ta' maħfra presidenzjali li ssir ai termini tal-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni u dan peress li skont l-artikolu 85(2) tal-istess Kostituzzjoni kwistjonijiet dwar l-għoti ta' pariri jew aġir skont tali pariri da parti tal-President ta' Malta ma tista' tiġi eżaminata minn ebda qorti. Fuq kollox, l-prerogattiva tal-maħfra minnha nnifisha hija insindakabbli*

4. *Illi in linea preliminari wkoll, l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 bit-trapass ta' kważi xahar mid-data minn meta t-talba tar-rikorrenti hija kkunsidrata bil-presunzjoni tal-Artikolu 469A li ġiet rifjutata u ċioe' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju kellha tiġi intavolata qabel is-17 ta' Awwissu 2020;*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti. huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

6. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad li l-esponenti dejjem aġixxew korrettement skont il-Liġi u fil-parametri imposti mill-Liġi u mill-Kostituzzjoni u jiċħdu kategorikament bħala nfondati l-insinwazzjonijiet u l-konġetturi illi hemm fir-rikors promotur li jagħtu x'jifhem li hemm saħansitra aġir in mala fede mill-istituzzjonijiet.*

7. *Illi subordinatament, il-prerogattiva tal-maħfra hija fdata f'idejn il-President ta' Malta skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni li tipprovdi dawk l-istanzi fejn huwa permissibbli li tali maħfra tingħata. Illi fost dawn l-istanzi nsibu fil-paragrafu (a) tas-subinċiż (1) tal-istess artikolu li maħfra tista' tingħata lil xi persuna li jkollha x'taqsam f'reat liema maħfra tista' tiġi suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi. Ċertament li dan l-artikolu ma jagħti ebda dritt lill-ebda persona li tkun involuta f'kummissjoni ta' reat li tingħata maħfra presidenzjali aktar u aktar meta dik l-informazzjoni li tkun allegatament qed toffri ma tkunx waħda korroborata minn evidenza oħra li turi l-veraċita' tal-informazzjoni.*

8. *Illi tali prerogattiva hija eżerċitata mill-President, bħala Kap tal-Istat u l-ebda persuna ma għandha dritt ex lege li tingħata maħfra jew li tikkontesta d-deċiżjoni jew nuqqas ta' deċiżjoni tal-President dwar talba għall-maħfra presidenzjali.*

9. *Illi subordinatament dwar il-kwistjoni tad-danni jigi rilevat li skont ġurisprudenza kristalizzata huwa r-rikorrenti li jrid jipprova n-ness ta' kawżalita' ta' l-istess fatti in relazzjoni għall-kondotta tal-konvenuti, jew ta' l-attur innifsu, ma' l-event dannuż. Huwa prinċipju ben akkolt illi min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti. F'dan il-każ ma hemm l-ebda ness ta' kawżalita' bejn il-komportament u l-kondotta tal-esponenti u l-att li bih l-attur issubixxa danni personali.*

10. *Illi l-esponenti jirrilevaw ukoll li l-effetti ta' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju f'każ ta' suċċess hija li titħassar id-deċiżjoni u li l-kwistjoni terġa' tintbagħat lura għall-kunsiderazzjoni tal-eżekuttiv u li ċertament li l-eżerċizzju tad-diskrezzjomi tal-eżekuttiv ma tistax tiġi spostata fuq dina l-Onorabbli Qorti kif qiegħed jittenta jagħmel ir-rikorrenti fit-tielet talba tar-rikorrenti.*

11. *Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

13. *Bl-ispejjeż.*

4. Rat ir-risposta tal-**Avukat Ġenerali** ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2020, fejn laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxi li l-attur għandu jispeċifika liema huma eżattament l-artikoli tal-liġi li fuqhom qed jibbaża l-azzjoni odjerna u dan anki għaliex l-intimat qed ikun preġudikat meta jrid jissottometti eċċezzjonijiet għal azzjoni li ma hiex identifikata. Għalhekk f'dan is-sens l-esponenti jirriserva li jqajjem eċċezzjonijiet oħra fi stadju ulterjuri;*

   2. *Illi in linea preliminari ukoll jiġi rilevat li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

   3. *Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu li mit-talbiet jidher li donnu r-rikors promotur huwa msejjes fuq stħarriġ ġudizzjarju, l-esponenti formalment jeċepixxi l-inapplikabilita' tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għall-għoti o meno ta' maħfra presidenzjali li ssir ai termini tal-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni u dan peress li skont l-artikolu 85(2) tal-istess Kostituzzjoni kwistjonijiet dwar l-għoti ta' pariri jew aġir skont tali pariri da parti tal-President ta' Malta ma tista' tiġi eżaminata minn ebda qorti. Fuq kollox, l-prerogattiva tal-maħfra minnha nnifisha hija insindakabbli.*

4. *Illi in linea preliminari wkoll, l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 bit-trapass ta' kważi xahar mid-data minn meta t-talba tar-rikorrenti hija kkunsidrata bil-presunzjoni tal-Artikolu 469A li ġiet rifjutata u ċioe' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju kellha tiġi intavolata qabel is-17 ta' Awwissu 2020;*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

6. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad li l-esponenti dejjem aġixxa korrettement skont il-Liġi u fil-parametri imposti kemm mill-Liġi ordinarja kif ukoll mill-Kostituzzjoni.*

7. *Illi subordinatament, il-prerogattiva tal-maħfra hija fdata f'idejn il-President ta' Malta skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni li tipprovdi dawk l-istanzi fejn huwa permissibbli li tali maħfra tingħata. Illi fost dawn l-istanzi nsibu fil-paragrafu (a) tas-subinċiż (1) tal-istess artikolu li maħfra tista' tingħata lil xi persuna li jkollha x'taqsam f'reat liema maħfra tista' tiġi suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi. Ċertament li dan l-artiklu ma jagħti ebda dritt lill-ebda persuna li tkun involuta f'kummissjoni ta' reat li tingħata maħfra presidenzjati aktar u aktar meta dik l-informazzjoni li tkun allegatament qed toffri ma tkunx waħda korroborata minn evidenza oħra li turi l-veraċita' tal-informazzjoni.*

8. *Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

10. *Bl-ispejjeż.*

5. Rat ir-risposta tal-**Prim Ministru f'ismu proprju u bħala Kap tal-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern ta' Malta għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Kabinett tal-Ministri u tal-Ministru tal-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza** ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2020 fejn laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *L-Onorevoli Prim Ministru f'ismu proprju u bħala Kap tal-Kabinett tal-Ministri u l-Ministru tal-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza m'humiex il-leġittimi kontradditturi għat-talbiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal- Liġijiet ta' Malta u għandhom għalhekk jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

   2. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

   3. *Bl-ispejjeż.*

4. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2020, il-kawża instemgħet w ir-rikorrent intalab jiċċara n-natura tal-azzjoni minnu ttentata.

5. Rat in-nota tar-rikorrent ippreżentata fil-11 ta' Novembru 2020 fejn ir-rikorrent għarraf lill-Qorti li l-azzjoni odjerna kienet ibbażata fuq l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Rat illi fis-16 ta' Novembru 2020, l-Avukat tal-Istat talab sabiex ikun jista' jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri in vista tal-kjarifika tar-rikorrent, liema talba ġiet lilu akkolta.

7. Rat illi fis-7 ta' Diċembru 2020 l-Avukat tal-Istat għarraf lill-Qorti illi ma kellux eċċezzjonijet ulterjuri x'jippreżenta.

8. Rat illi fid-19 ta' Frar 2021, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex ikun jista' jixhed fis-seduta tal-24 ta' Frar 2021 bil-magħluq, filwaqt illi talab li jiġi assikurat li jkun hemm apparat sabiex jinstemgħu recordings, u b'digriet tat-23 ta' Frar 2021, filwaqt illi l-Qorti laqgħet it-talba biex ir-rikorrent jixhed fil-magħluq, assikuratu illi l-appart elettroniku kollu jaħdem kif suppost.

9. Rat illi fid-19 ta' Frar 2021, ir-rikorrent ippreżenta rikors ieħor fejn talab illi jiġu eżebiti l-atti kollha in konnessjoni mal-proċeduri kriminali kollha pendenti fil-konfront ta' Yorgen Fenech, u b'digriet tat-23 ta' Frar 2021, tali talba ġiet lilu miċħuda stante illi tali provi huma lkoll irrilevanti għall-proċeduri odjerni.

10. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2021, il-Qorti ġiet infurmata mir-rikorrent, illi l-ġurnata ta' qabel, ossija 23 ta' Frar 2021, quddiem il-Qorti Kriminali, huwa kien ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu għal dak li jirrigwarda l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia w huwa kien wkoll ingħata, fit-23 ta' Frar 2021, Maħfra Presidenzjali għal dak illi jirrigwarda l-assassinju tal-Avukat Carmel Chircop.

11. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2021, il-konsulent legali tar-rikorrent ivverbalizza illi, minkejja tali Maħfra Presidenzjali w sentenza mogħtija kontra tiegħu fuq ammissjoni tiegħu stess, huwa għamel talbiet għal Maħfra Presidenzjali għall delitti oħrajn, u għalhekk talab illi l-proċeduri odjerni jitkomplew.

12. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2021, l-Avukat tal-Istat qajjem l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku in vista tal-ammissjoni tar-rikorrent u l-għoti tal-Maħfra Presidenzjali w il-Qorti ordnat illi tiġi ppreżentata kopja tal-Maħfra Presidenzjali kif ukoll tas-sentenza finali li huwa kien ser jingħata abbażi tal-ammissjoni tiegħu kif fuq indikata.

13. Rat illi fit-18 ta' Marzu 2021, saret seduta virtwali, in vista tal-limitazzjonijet imposti mill-Awtoritajiet tas-Saħħa minħabba fil-pandemija Covid-19, f'liema seduta ġew ippreżentati il-Maħfra Presidenzjali datata 23 ta' Frar 2021 wara Ittra ta' l-istess rikorrent datata 19 ta' Jannar 2021 fejn huwa offra li jikkoopera fl-investigazzjoni dwar l-omiċidju tal-avukat Dr Carmel Chircop (fol 64), ir-rikors konġunt bejn ir-rikorrent u l-Avukat Ġenerali ippreżentat lill-Qorti Kriminali a tenur tal-Artikolu 453A(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-patteġġjament milħuq bejn il-partijiet (fol 67) kif ukoll kopja informali tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat**' deċiża fit 23 ta' Frar 2021 fejn, għal qtil ta' Daphne Caruana Galizia, huwa ngħata piena ta' ħmistax-il sena priġunerija kif ukoll għall-ħlas ta' €42,930.72 fi spejjeż peritali. (fol 68)

14. Rat illi fit-30 ta' Marzu 2021, l-intimati kollha ippresentaw rikors sabiex jingħataw l-fakolta jippresentaw eċċezzjonijiet ulterjuri in vista ta' tali zvilupp, għal liema talba r-rikorrent oggezzjona fil-5 ta' April 2021.

15. Rat illi b'digriet tal-25 ta' Mejju 2021, il-Qorti laqgħet it-talba u awtorizzat il-prezentata ta' eċċezzjoni preliminari ulterjuri da' parte ta' l-intimati kollha.

16. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2021, ġiet ippreżentata eċċezzjoni ulterjuri da' parte ta' l-intimati kollha, fejn qajjmu s-segwenti difiża:

    *Illi f'dan 1-istadju, il-mertu tal-azzjoni ittentata huwa eżawrit. Dan għaliex l-azzjoni tar-rikorrenti hija mibnija unikament fuq allegazzjoni li huwa qatt ma rċieva deċiżjoni dwar talba partikolari liema talba saret fit-30 ta' Novembru 2019 u fis-17 ta' Diċembru 2019. Illi fil-kors tas-smigħ ta' dina l-kawża, irriżulta li t-talba ta' Vincent Muscat kontenuta fl-ittri tiegħu tat-30 ta' Novembru 2019 u 17 ta' Diċembru 2019 ġiet miċħuda mill-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta. Konsegwentement, l-interess ġuridiku li kellu r-rikorrenti sakemm irċieva d-deċiżjoni mingħand l-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta m'għadux jissussisti. Tant hu hekk illi l-ewwel tlett talbiet fir-rikors promotur jirreferu għal nuqqas ta' deċiżjoni għal parir fuq il-maħfra presidenzjali, għal parir lil President tar-Repubblika ta' Malta għall-maħfra presidenzjali u għall-kwalifika biex jingħata l-maħfra presidenzjali, rispettivament. Ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet huma kollha merament konsegwenzjali għall-ewwel tlieta. L-esponenti jissottomettu li d-deċiżjoni li ngħatat mill-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta eradikat l-interess ġuridiku fil-kawża odjerna liema interess ġuridiku għandu jkun attwali, personali u li jkopri l-proċediment kollu u mhux biss l-istadju inizzjali tal-azzjoni.*

17. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2021, in-vista ta' tali eċċezzjonijet, il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi.

18. Rat l-affidavit ta' **Dr Rosette Spiteri Cachia**, Segretarja fi ħdan l-Uffiċċju tal-President ta' Malta, ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2021 (fol 108) flimkien ma' dokumentazzjoni.

19. Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2021, l-intimati lkoll iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

20. Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2021, il-kawża tħalliet għall-provi kollha rikorrenti.

21. Rat illi fil-11 ta' Jannar 2022, ir-rikorrent ma ressaq ebda provi w ma deher ebda konsulent legali għalih, u għalhekk il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi u ħalliet il-kawża għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub tal-partijiet fuq l-erbgħa eċċezzjonijiet preliminari ta' l-intimati.

22. Rat illi fis-17 ta' Marzu 2022, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet tal-intimati kollha flimkien fuq l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet preliminari.

23. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2022, deher ir-rikorrent filwaqt illi l-Avukat tal-Għajnuna Legali tiegħu ma dehritx u ma ġew ippreżentati ebda sottomissjonijiet da' parte tar-rikorrent.

24. Rat illi fl-24 ta' Marzu 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

25. Rat illi sad-data ta' llum, ma ġie ippreżentat ebda talba ta' parte tal-konsulent legali tar-rikorrent, sabiex tressaq provi jew sottomissjonijiet bil-miktub.

**Ikkunsidrat**

26. Jirriżulta illi dina l-Qorti, f'dana l-istadju, ser tqis u tikkunsidra għal fini ta' deċiżjoni, l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-intimati kollha, illi huma prinċipalment ħamsa, ossija s-segwenti:

    a. Illi r-rikorrent irid jindika taħt liema artikolu tal-Liġi huwa qiegħed jintavola l-proċeduri odjerni;

    b. Illi l-Prim Ministru, il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja ma humiex il-leġittimi kontradittur a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

    c. Illi l-aġir tal-President ta' Malta ma huwiex soġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju a tenur tal-Artikolu 85 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

    d. Illi l-azzjoni intentata a tenur tal-Artikolu 469A hija perenta bit-trapass ta' xahar mid-data meta t-talba saret.

    e. Illi l-meritu huwa eżawrit u għalhekk r-rikorrent ma għadx fadallu interess ġuridiku.

27. Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tqis dawna d-difiżi preliminari.

**<u>A - Il-bażi tal-azzjoni odjerna</u>**

28. Il-Qorti tosserva illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' Novembru 2020, fost ħafna dikjarazzjoni illi kienu kemm superfluwi kif ukoll mhux awtorzzati minn dina l-Qorti sabiex isiru, ir-rikorrent għarraf lill-Qorti illi l-bazi tal-azzjoni tiegħu hija dik ta' stħarriġ ġudizzjarju a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

29. Il-Qorti għalhekk, bħalma stqarrew ukoll l-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom, tqis għalhekk illi dina l-eċċezzjoni issa hija sorvolata, u għalhekk ma hijiex ser tkompli tqis tali eċċezzjoni.

**<u>B - Il-Prim Ministru, il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Ġustizzja ma humiex il-leġittimi kontradittur</u>**

30. Jirriżulta ċar, mill-assjem tal-atti u tal-kontenut tar-rikors promotur, fejn jindika fid-dettall l-ilment tar-rikorrent, illi l-bażi tal-azzjoni odjerna hija dwar il-fatt li, wara talba illi saret minnu fit 30 ta' Novembru 2019 u tas-17 ta' Diċembru 2019 biex jingħata Maħfra Presidenzjali, huwa ma kienx għadu ġie mgħarraf mill-President ta' Malta jekk

kienx ser jingħata tali Maħfra Presidenzjali jew le, liema Maħfra huwa saħaq illi kellu dritt illi jingħata.

31. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-ilment tiegħu huwa indirizzat lejn in-nuqqas ta' deċiżjoni da' parte tal-President ta' Malta.

32. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 742A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, introdott permezz tal-Att XXIV tas-sena 1995, jingħad illi:

*Ebda proċedimenti ċivili ma jistgħu jittieħdu kontra l-President ta' Malta dwar dak li jkun għamel fil-qadi tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu.*

33. Jirriżulta, għalhekk, illi dana ifisser li, fil-każ odjern, japplika dak ipprovdut fl-Artikolu 181B (2) tal-Kap 12, fejn jingħad illi:

*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern*

34. Jirriżulta illi, la darba ġie ċarament stabbilit illi l-azzjoni kienet diretta lejn in-nuqqas ta' deċiżjoni tal-President ta' Malta, **ir-rikorrent ma kellu ebda raġuni biex idaħħal fil-proċeduri odjerni persuni oħra, għajr sabiex jipprova jikkrea aktar storbju u attenzjoni lejn il-pretensjonijiet tiegħu sabiex jassikura li l-kwistjoni tiegħu tingħata l-importanza medjatika illi huwa kien qiegħed jippretendi bil-għan illi jkun hemm aktar pressjoni pubblika a vantaġġ tiegħu**.

35. Jirriżulta, għalhekk illi l-eċċezzjoni ta' l-intimati, kif fuq deskritta, timmerita illi tiġi akkolta u għalhekk il-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru tal-Ġustizza ser jigu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, a spejjeż tar-rikorrent.

**<u>C - L-aġir tal-President ta' Malta ma huwiex soġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju a tenur tal-Artikolu 85 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>**

36. Jirriżulta illi difiża oħra imqajjma mill-intimati kollha, inkluż l-Avukat tal-Istat, hija illi d-deċiżjoni tal-President ta' Malta dwar jekk ir-rikorrent għandhux jingħata il-Maħfra Presidenzjali a tenur tal-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni hija insindikabbli.

37. Jirriżulta, di fatti, illi l-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi illi l-President ta' Malta, bis-saħħa tal-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għandu l-prerogattiva li jagħti lill-persuna li għandha x'taqsam ma' reat, bħalma huwa r-rikorrent, il-maħfra "*sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skond il-liġi*" – Artikolu 93 (1) (a).

38. Jirriżulta wkoll illi, a tenur tal-Artikolu 85 (1) tal-Kostituzzjoni, l-President ta' Malta huwa obbligat li:

*fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu l-President għandu jaġixxi skont il-parir tal-Kabinett jew ta' Ministru li jaġixxi skont l-awtorità ġenerali tal-Kabinett ħlief fil-każijiet meta huwa meħtieġ b'din il-Kostituzzjoni jew b'xi liġi oħra li jaġixxi skont il-parir ta'xi persuna jew awtorità li ma tkunx il-Kabinett.*

39. Jirriżulta, madanakollu, illi a tenur tal-Artikolu 85 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

> *Meta skont din il-Kostituzzjoni l-President huwa meħtieġ li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorità, il-kwistjoni jekk ikunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont, dak il-parir ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.*

40. Jirriżulta illi l-liġi hija ċara u tħalli ebda lok għall-interpretazzjoni differenti – deċiżjoni tal-President ta' Malta ma hijiex soġġetta għal ebda tip ta' skrutinju quddiem il-Qorti!

41. Fil-kawża '**Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja**' deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002, fejn, dwar in-natura tal-Maħfra Presidenzjali, il-Qorti Kostituzzjonali, **għoxrin sena ilu**, kellha dan xi tgħid:

> *30. L-artikolu 93 (1) (a) tal-Kostituzzjoni jagħti lill-President ta` Malta s-setgħa li :*
>
> > *"jagħti lil xi persuna li jkollha x`taqsam fi jew ġiet misjuba ħatja ta` xi reat maħfra, sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skond il-liġi".*
>
> *Din is-setgħa mogħtija lill-President hija magħrufa bħala l-Prerogattiva tal-Maħfra. Ġejja minn żminijiet antiki meta l-prerogattiva kienet tas-sovran u baqgħet tinżamm f`kostituzzjonijiet anke ta` żminijietna, ġeneralment mill-Kap ta` l-Istat, għaliex għandha ċerta utilita`.*
>
> *Minn dejjem kien ritenut li din il-prerogattiva tal-maħfra ma hijiex sindakabbli minn ebda Qorti, anke għaliex hija setgħa li, sa ċertu punt, tista` titqies bhala li qiegħda `l fuq mis-saltna tad-dritt.*

42. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex dak illi qalet il-Qorti Kostituzzjonali aktar minn għoxrin sena ilu, u li kien jirrifletti interpretazzjoni li kienet ilha ġejja minn ġenerazzjonijiet qabel, ma għandux japplika għal każ odjern – id-deċiżjoni tal-President ta' Malta ma jistax ikun soġġett għall-stħarrig minn dawna l-Qrati, u la darba dak illi qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent huwa proprju d-deċiżjoni o nuqqas tagħha mill-President ta' Malta abbażi tal-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni, għalhekk dana ma huwiex sindakabbli mill-Qorti!

43. Għalhekk, tali eċċezzjoni, kif imqajjma mill-intimati, timmerita illi tiġi akkolta.

**D - L-azzjoni intentata a tenur tal-Artikolu 469A hija perenta bit-trapass ta' xahar mid-data meta t-talba saret**

44. Jirriżulta illi l-Avukat tal-Istat qajjem wkoll, bħala eċċezzjoni, dik illi l-azzjoni odjerna intentata a tenur tal-Artikolu 469A hija perenta bit-trapass ta' xahar a tenur tal-Artikolu 469A (3) tal-Kap 12.

45. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi la darba ġie deċiż illi d-deċiżjoni tal-President ta' Malta ma huwiex sindakabbli mill-Qorti bl-azzjoni intavolata a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, dan ifisser, għalhekk, illi kwalsiasi eċċezzjoni imqajma in konnessjoni ma' tali azzjoni ma tistax titqies favorevoment mill-Qorti.

46. Fil-każ odjern, l-intimati qed jgħidu illi l-azzjoni taħt l-artikolu 469A hija preskritta – madanakollu, ladarba azzjoni a tenur tal-Artikolu 469A ma hijiex proponibbli, kwistjoni ta' preskrizzjoni ma tista' qatt titqajjem u/jew tiġi kkunsidrata

47. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tiċċħad tali eċċezzjoni ta' l-Avukat tal-Istat.

**E - Il-meritu tal-azzjoni odjerna hija eżawrita u għalhekk r-rikorrent ma għadx għandu interess ġuridiku**

48. Jirriżulta illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, ossija fl-14 ta' Jannar 2021, l-Uffiċċju tal-President ta' Malta, kiteb lill-konsulent legali tar-rikorrent, fejn ir-rikorrent ġie mgħarraf bis-segwenti: (fol 110)

> *B'referenza għat-talbiet tiegħek għan-nom tas-Sur Vincent Muscat datati 30 ta' Novembru 2019 u 17 ta' Diċembru 2019, fejn tlabt li tiġi kkunsidrata l-maħfra Presidenzjali fi-konfront tas-Sur Vincent Muscat, l-Uffiċċju tal-President jixtieq jinfurmak li l-Kabinett tal-Ministri ddeċieda li ma jirrakkomandax lil-President l-għoti tal-proklama kif mitluba mis-Sur Vincent Muscat.*

49. Jirriżulta, minn qari akkurat tar-rikors promotur, illi l-meritu tal-każ odjern huwa proprju ż-żewġt Ittri tat-30 ta' Novembru 2019 u 17 ta' Diċembru 2019, li ġew eżebiti ma' l-istess rikors promotur, fejn il-Qorti kienet qed tintalab tiddikjara li n-nuqqas ta' deċiżjoni dwar tali rikjesti kienet waħda abbużiva w illegali, illi l-Kabinett għandu jagħti l-parir li tingħatalu l-maħfra Presidenzjali u, finalment, illi huwa kien ikkwalifikat sabiex jingħata l-maħfra.

50. Jirriżulta ċar illi, la darba r-rikorrent irċieva risposta għat-talbiet fuq imsemmija minnu mressqa lill-President ta' Malta, dana kien ifisser illi dak minnu mitlub permezz tal-proċeduri odjerni kien issa eżawrit, u l-Qorti kienet tippretendi illi r-rikorrent iwaqqaf tali proċeduri, stante illi ma kienx għad fadal aktar interess f'dak minnu mitlub.

51. Jirriżulta, madanakollu, illi r-rikorrent, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2021, xorta waħda baqa' jinsisti illi l-meritu tal-kawża odjerna kellha tiġi deċiża, peress illi insista illi kellu talbiet oħra ta' maħfra x'jagħmel.

52. Il-Qorti, di fatti, tosserva illi, fid-19 ta' Jannar 2021, dakinhar illi l-istess rikorrent għamel talba lill dina l-Qorti sabiex jixhed fil-magħluq kif ukoll sabiex jiġu allegati l-maġġorparti tal-atti tal-inkjesta ta' Yorgen Fenech, ir-rikorrent kien kiteb, għal darba oħra, lill-President ta' Malta sabiex, din id-darba, jingħata maħfra Presidenzjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-investigazzjoni tal-omiċidju tal-avukat Dr Carmel Chircop, u bħala riżultat, fit-23 ta' Frar 2021, huwa ngħata il-maħfra Presidenzjali minnu mitluba.

53. Ma jirriżulta illi saret ebda talba għal maħfra Presidenzjali oħra da parte tar-rikorrent.

54. Jirriżulta wkoll illi għall-akkużi minnu msemmija u illi tiegħu huwa talab li jingħata maħfra Presidenzjali fl-ittri meritu tal-kawża odjerna, ossija il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, huwa ammetta quddiem il-Qorti Kriminali fit-23 ta' Frar 2021 u ngħata sentenza ta' priġunerija ta' ħmistax-il sena.

55. Jirriżulta, għalhekk, illi mhux talli l-meritu tar-rikors odjern ma huwiex eżawrit, talli bl-insistenza tar-rikorrent kif espressa mill-konsulent legali tiegħu fil-verbal tal-24 ta' Frar 2021, ir-rikorrent ried juża l-proċeduri odjerni sabiex jibqa' jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti sabiex jingħata l-maħfra presidenzjali f'delitti oħrajn illi huwa kien involut fihom, liema maħfra huwa kien qiegħed jippretendi bi dritt.

56. Il-Qorti tosserva illi, kif stqarr ir-rikorrent fl-ittra tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2019 indirizzata illl-President ta' Malta, huwa kien "*lest li jokkopera bis-sħiħ mal-Pulizija u jgħinhom biex jissolvew numru mhux żgħir ta' delitti li għadhom ma ġewx solvuti u li seħħew ġewwa pajjiżna fl-aħħar snin.*"

57. Filwaqt illi l-Qorti tifhem illi fl-aħħar snin seħħew varji delitti serji li daħħlu biża' fis-soċjeta' in ġenerali w xekklet is-sens ta' sigurta' illi għandha dritt tippretendi, fosthom il-qtil viljakk u kodard tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia w il-qtil kiesaħ u biered tal-Avukat Dr Carmel Chircop, jidher illi f'dawna ż-żewġ delitti r-rikorrent kien attivament involut, tant illi ammetta li kien involut fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia filwaqt illi ngħata l-maħfra sabiex jixhed fil-kawżi konnessi mal-qtil ta' Dr Carmel Chircop bil-għan illi jinstab min kien ħati ta' tali delitt.

58. **Madanakollu, il-Qorti tosserva illi, minkejja l-gravita' tad-delitt illi qiegħed jiġi investigat, ebda persuna involuta f'delitt ma għandu jippretendi illi għandu dritt sagrosant li jingħata l-maħfra presidenzjali, bħalma donnu qiegħed jinsisti r-rikorrent u min kien qiegħed jassistih legalment fil-passat, u juża tali preżunzjoni bħala parti minn konġentura, assistita mill-mezzi medjatiċi dejjem għatxana għal storja u pubbliċita', maħsuba unikament sabiex jipprova jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu għal azzjoni kriminali illi huwa jkun għamel jew kien komparteċipi fih.**

59. **Pajjiż fejn tirrenja s-saltna tad-dritt, bħalma hija dik Maltija, tippretendi illi kull min ikun ikkommetta reat għandu finalment jirrispondi għal azzjoni kriminuża tiegħu u, jekk ikun hemm provi sufficjenti, jinstab ħati tiegħu. Hekk biss jista jigi assikurat illi l-Liġi tiġi rispettata w osservata minn kulħadd. Imbgħad, jekk tali persuna tagħzel illi tassisti lill-Prosekuzzjoni sabiex jinstabu ħatja nies oħra, kif hija dejjem libera li tagħmel, dana jista' jiġi rifless fid-deċiżjoni finali illi tingħata kontra tagħha għall-att kriminuż minnha kommess.**

60. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, f'każ illi verament ir-rikorrent jixtieq jgħin lill-Pulizija fid-delitti illi huwa jgħid li għandu informazzjoni dwarhom, ma hemm xejn x'iżomm lir-rikorrent milli attwalment jipprovdi tali informazzjoni, anke quddiem il-Qorti kompetenti, sabiex il-ġustizzja finalment tirrenja – ma hemmx bżonn maħfra Presidenzjali sabiex ir-rikorrent jixhed – jekk verament huwa dispost jikkoopera u jgħin!

61. Fil-każ odjern, madanakollu, jidher ġar illi l-meritu tar-rikors tiegħu illum il-ġurnata ġie eżawrit bl-ittra tal-President ta' Malta tal-14 ta' Jannar 2021 kif ukoll bl-iżviluppi illi seħħew sussegwentement fl-aħħar ta' Frar 2021, u għalhekk l-eċċezzjoni ulterjuri mqajjma mill-intimati kollha timmerita illi tiġi milqugħa wkoll.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tastjeni** milli tieħu konsiderazzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali stante illi ġiet sorvolata min-nota tar-rikorrent tad-19 ta' Frar 2021.

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tal-Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja w it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, tal-Kummissarju tal-Pulizija w l-Avukat Ġenerali u għalhekk:

**Tillibera** lill-istess Prim Ministru, Ministru tal-Ġustizzja, Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 filwaqt illi tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijet ulterjuri tagħhom.

**Tilqa'** it-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tiddikjara illi l-aġir tal-President ta' Malta, kif deskritt fir-rikors promotur, ma huwiex soġġett għall-iskrutinju tal-Qorti, u dan a tenur tal-Artikolu 85 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Tiċħad** ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat peress illi, la darba deċiżjoni tal-President ta' Malta ma huwiex sindakabbli, eċċezzjonijiet abbażi tal-Artikolu 469A ma jistgħux jiġu kkunsidrati.

U għalhekk, in vista tad-deċiżjonijet hawn fuq imsemmija,

**Tiċħad is-sitt talbiet rikorrenti kollha.**

Spejjeż kollha, inkluż dawk tal-intimati kollha, fil-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**